

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1510**tat-30 ta' Awwissu 2017****li jemenda l-Appendiċijiet tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) fir-rigward tas-sustanzi CMR****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi Kimiċi (REACH), li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1488/94 kif ukoll id-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE u d-Direttivi tal-Kummissjoni 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 68(2) tiegħu,

Billi:

- (1) L-entrati 28, 29 u 30 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq jew l-użu għall-provvista lill-pubbliku ġenerali ta' sustanzi li huma kklassifikati bħala sustanzi karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni (CMR), tal-kategoriji 1 A jew 1B, u ta' taħlitiet li fihom sustanzi bħal dawn f'konċentrazzjonijiet speċifikati. Is-sustanzi kkonċernati huma elenkati fl-Appendiċi 1 sa 6 ta' dak l-Anness.
- (2) Is-sustanzi huma kklassifikati bħala CMR skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁾ u huma elenkati fil-Parti 3 tal-Anness VI ta' dak ir-Regolament.
- (3) Peress li l-Appendiċi 1 sa 6 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 ġew aġġornati l-aħħar sabiex jirriflettu l-klassifikazzjonijiet il-ġodda tas-sustanzi bħala CMR skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008, il-Parti 3 tal-Anness VI ta' dan tal-aħħar ġiet emendata bir-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) Nru 605/2014⁽³⁾, (UE) 2015/1221⁽⁴⁾ u (UE) 2016/1179⁽⁵⁾.
- (4) Minħabba li l-operaturi jistgħu japplikaw il-klassifikazzjonijiet armonizzati stabbiliti fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 f'data iktar kmieni, jenħtieġ li dawn ikunu jistgħu japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament iktar kmieni, fuq bażi volontarja.
- (5) Jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jiġi emendat skont dan.
- (6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 133 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 huwa emendat skont dan l-Anness.

⁽¹⁾ ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.⁽²⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 605/2014 tal-5 ta' Ġunju 2014 li jemenda, għall-finijiet tal-introduzzjoni tad-dikjarazzjonijiet ta' periklu u prekawzjoni fil-lingwa Kroata u tal-adattament tiegħu għall-progress tekniku u xjentifiku, ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet (ĠU L 167, 6.6.2014, p. 36).⁽⁴⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1221 tal-24 ta' Lulju 2015 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, biex dan jiġi addattat għall-progress tekniku u xjentifiku (ĠU L 197, 25.7.2015, p. 10).⁽⁵⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1179 tad-19 ta' Lulju 2016 li jemenda, għall-finijiet tal-adattament tiegħu għall-progress tekniku u xjentifiku, ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet (ĠU L 195, 20.7.2016, p. 11).

Artikolu 2

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ, bl-eċċezzjoni:

— tal-paragrafi (1), (2) u (3) tal-Anness, li għandhom japplikaw mill-1 ta' Marzu 2018, u

— l-paragrafu (4)(a) tal-Anness li għandu japplika mill-1 ta' Marzu 2018 diment li jkun relatat mas-sustanzi li ġejjin:

bisfenol A; [fenol, dodeċil-, ramifikat]; [fenol, 2-dodeċil-, ramifikat]; [fenol, 3-dodeċil-, ramifikat]; [fenol, 4-dodeċil-, ramifikat]; [fenol, (tetrapropenil) derivattivi]; klorofacinon (ISO); kumatetralil (ISO); difenakum (ISO); flokumafen (ISO); ottaborat tad-disodju anidru; ottaborat tad-disodju tetraidrat; bromadijolon (ISO); difetijalon; [aċidu perfluworoanonan-1-ojku, u l-imluħa tas-sodju u tal-ammonju tiegħu]; ftalat tad-diċikloeżil u triflumiżol (ISO).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Awwissu 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

L-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Appendiċi 2, l-entrati li ġejjin jiddaħħlu fit-tabella skont l-ordni tan-numri tal-indiċi stabbiliti hemmhekk:

| | | | | |
|--|--------------|-----------|---------|--|
| "1,2-dikloropropan; diklorur tal-propilen | 602-020-00-0 | 201-152-2 | 78-87-5 | |
| mikrofibri tal-ħġieġ-e ta' kompożizzjoni rappreżentattiva; [Fibri tas-silikat tal-kalċju u tal-aluminju b'orjentazzjoni aleatorja bil-kompożizzjoni rappreżentattiva li ġejja (% mogħti skont il-piż): SiO ₂ 50,0-56,0 %, Al ₂ O ₃ 13,0-16,0 %, B ₂ O ₃ 5,8-10,0 %, Na ₂ O < 0,6 %, K ₂ O < 0,4 %, CaO 15,0-24,0 %, MgO < 5,5 %, Fe ₂ O ₃ < 0,5 %, F ₂ < 1,0 %. Proċess: normalment prodotti permezz ta' attenwazzjoni tal-fjamma u proċess rotatorju. (Jista' jkun hemm il-preżenza, f'livelli baxxi, ta' elementi individwali addizzjonali; il-lista tal-proċess ma tipprekludix l-innovazzjoni).] | 014-046-00-4 | — | — | |

(2) Fl-Appendiċi 4, l-entrata li ġejja tiddaħħal fit-tabella skont l-ordni tan-numru tal-indiċi stabbiliti hemmhekk:

| | | | | |
|----------------------------------|--------------|-----------|------------|--|
| "3,7-dimetilokta-2,6-dienenitril | 608-067-00-3 | 225-918-0 | 5146-66-7" | |
|----------------------------------|--------------|-----------|------------|--|

(3) Fl-Appendiċi 5,

(a) l-entrati li ġejjin jiddaħħlu fit-tabella skont l-ordni tan-numri tal-indiċi stabbiliti hemmhekk:

| | | | | |
|--|--------------|-----------|------------|--|
| "brodifakum (ISO); 4-idrossi-3-(3-(4'-bromo-4-bifenilil)-1,2,3,4-tetraidro-1-naftil)kumarin | 607-172-00-1 | 259-980-5 | 56073-10-0 | |
| trab taċ-ċomb; [dijametru tal-partiċelli < 1 mm] | 082-013-00-1 | 231-100-4 | 7439-92-1 | |
| ċomb fil-forma massiva; [dijametru tal-partiċelli ≥ 1 mm] | 082-014-00-7 | 231-100-4 | 7439-92-1" | |

(b) l-entrata dwar il-warfarina; 4-idrossi-3-(3-osso-1-fenilbutil)-kumarin huwa sostitwit bl-entrata li ġejja:

| | | | | |
|---|--------------|---|--|--|
| "warfarina (ISO); 4-idrossi-3-(3-osso-1-fenilbutil)-2H-kromen-2-on; [1] (S)-4-idrossi-3-(3-osso-1-fenilbutil)-2-benzopiron; [2] (R)-4-idrossi-3-(3-osso-1-fenilbutil)-2-benzopiron [3] | 607-056-00-0 | 201-377-6 [1] 226-907-3 [2] 226-908-9 [3] | 81-81-2 [1] 5543-57-7 [2] 5543-58-8 [3]" | |
|---|--------------|---|--|--|

(4) Fl-Appendiċi 6,

(a) l-entrati li ġejjin jiddaħħlu fit-tabella skont l-ordni tan-numri tal-indiċi stabbiliti hemmhekk:

| | | | | |
|--|--------------|---------------|-----------------|--|
| “tetraidro-2-furil-metanol; alkoħol tetraidrofurfuriliku | 603-061-00-7 | 202-625-6 | 97-99-4 | |
| arsenjur tal-gallju | 031-001-00-4 | 215-114-8 | 1303-00-0 | |
| Komposti tat-tributiltin, bl-eċċezzjoni ta' dawk speċifikati xi mkien ieħor f'dan l-Anness | 050-008-00-3 | — | — | |
| 1,2-aċidu benżendikarbossiliku, ester tad-dihessil, b'fergħat u lineari | 607-710-00-5 | 271-093-5 | 68515-50-4 | |
| imidazol | 613-319-00-0 | 206-019-2 | 288-32-4 | |
| bisfenol A; 4,4'-izopropilidenedifenol | 604-030-00-0 | 201-245-8 | 80-05-7 | |
| fenol, dodeċil-, b'fergħat; [1] | 604-092-00-9 | 310-154-3 [1] | 121158-58-5 [1] | |
| fenol, 2-dodeċil-, b'fergħat; [2] | | - [2] | - [2] | |
| fenol, 3-dodeċil-, b'fergħat; [3] | | - [3] | - [3] | |
| fenol, 4-dodeċil-, b'fergħat; [4] | | - [4] | 210555-94-5 [4] | |
| fenol, (tetrapropenil) derivattivi [5] | | - [5] | 74499-35-7 [5] | |
| klorofaċinon (ISO); 2-[(4-klorofenil)(fenil)aċetil]-1H-indene-1,3(2H)-dion | 606-014-00-9 | 223-003-0 | 3691-35-8 | |
| kumatetralil (ISO); 4-idrossi-3-(1,2,3,4-tetraidro-1-naftil)kumarin | 607-059-00-7 | 227-424-0 | 5836-29-3 | |
| difenakum (ISO); 3-(3-bifenil-4-il-1,2,3,4-tetraidro-1-naftil)-4-idrossikumarin | 607-157-00-X | 259-978-4 | 56073-07-5 | |
| flokumafen (ISO); massa ta' reazzjoni ta': cis-4-idrossi-3-(1,2,3,4-tetraidro-3-(4-(4-trifluworometilbenzilossi)fenil)-1-naftil)kumarin u trans-4-idrossi-3-(1,2,3,4-tetraidro-3-(4-(4-trifluworometilbenzilossi)fenil)-1-naftil)kumarin | 607-375-00-5 | 421-960-0 | 90035-08-8 | |
| ottaborat tad-disodju anidru; [1] | 005-020-00-3 | 234-541-0 [1] | 12008-41-2 [1] | |
| ottaborat tad-disodju tetraidrat [2] | | 234-541-0 [2] | 12280-03-4 [2] | |
| bromadijolon (ISO); 3-[3-(4'-bromobifenil-4-il)-3-idrossi-1-fenilpropil]-4-idrossi-2H-kromen-2-on | 607-716-00-8 | 249-205-9 | 28772-56-7 | |
| difetijalon (ISO); 3-[3-(4'-bromobifenil-4-il)-1,2,3,4-tetraidronaftalen-1-il]-4-idrossi-2H-1-benzotijopiran-2-on | 607-717-00-3 | — | 104653-34-1 | |
| aċidu perfluworononan-1-ojku [1] | 607-718-00-9 | 206-801-3 [1] | 375-95-1 [1] | |
| u l-imluħa tiegħu tas-sodju [2] | | - [2] | 21049-39-8 [2] | |
| u tal-ammonju [3] | | - [3] | 4149-60-4 [3] | |

| | | | | |
|--|--------------|-----------|-------------|--|
| ftalat tad-diċikloezil | 607-719-00-4 | 201-545-9 | 84-61-7 | |
| triflumiżol (ISO); (1E)-N-[4-kloro-2-(trifluworometil)fenil]-1-(1H-imidażol-1-il)-2-propossietanimina | 612-289-00-6 | — | 68694-11-1” | |

- (b) l-entrata dwar il-flumjoksażina (ISO); N-(7-fluwo-3,4-diidro-3-osso-4-prop-2-inil)—2,H 1,4-benzoksażina-6-il) ċikloez-1-en-1,2dikarboksamid huwa sostitwit bl-entrata li ġejja:

| | | | | |
|---|--------------|---|--------------|--|
| “flumjoksażina (ISO); 2-[7-fluwo-3-osso-4-(prop-2-in-1-il)-3,4-diidro-2H-1,4-benzoksażina-6-il]-4,5,6,7-tetraidro-1H-isoindol-1,3 (2H)-dion | 613-166-00-X | — | 103361-09-7” | |
|---|--------------|---|--------------|--|